31998R1449

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI 1449/98
tas-7 ta' Lulju 1998
li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 fir-rigward tar-rapporti dwar il-ħidmiet

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITÀ EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll applikabbli għall-politika komuni dwar is-sajd [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2635/97 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 19b(4) tiegħu,

Billi, skond l-Artikolu 19b(4) tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi, skond il-proċedura stabbilità fl-Artikolu 36, dwar id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-kontenut tar-rapport magħruf bħala r-"rapport tal-ħidma" li għandhom jiġu kkomunikati mis-sidien tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità jew mir-rappreżentanti tagħhom;

Filwaqt li l-kontenut tar-rapport tal-ħidma jiddependi fuq jekk bastiment tas-sajd tal-Komunità jidħolx fi, u/jew joħroġx minn, spazju tas-sajd definit fl-Artikolu 19a(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93, inkluż il-wasla fi u t-tluq minn port li jkun jinsab fi ħdan spazju tas-sajd bħal dan;

Billi huwa neċessarju li jiġi żgurat li għandha tiġi kkomunikata xi informazzjoni meta rapport tal-ħidma jiġi trasmess permezz ta' VMS;

Billi huwa neċessarju li jiġi stabbilit il-format li għandu jiġi wżat għall-komunikazzjoni tar-rapport tal-ħidma permezz ta' VMS;

Billi l-miżuri li għalihom hemm provdut f'dan ir-Regolament huma bi ftehim ma' l-opinjoni tal-Kumitat Amministrattiv tas-Sajd u ta' l-Akwakultura,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-preżentazzjoni tar-"rapport tal-ħidma" li għandu jiġi kkomunikat mis-sidien tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità, jew mir-rappreżentanti tagħhom, li għandhom il-ħsieb li jistadu jew li marru jistadu fi spazju, skond l-Artikoli 19b u 19ċ tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93.

L-Artikolu 2

Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, f'rapport ta' ħidma:

— il-post ġejografiku ta' fejn ikun jinsab bastiment għandu jiġi mfisser fi gradi u f'minuti ta' latitudni u lonġitudni,

— żona għandha tkun żona kif definita fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 685/95 [3] u għandha tiġi mfissra bl-użu tal-kodiċi għal żoni ta' ħidma definiti fl-Anness VIa tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2807/83 [4] li jistabbilixxi regoli dettaljati għaż-żamma ta' informazzjoni dwar il-qbid tal-ħut ta' l-Istati Membri,

— il-ħin għandu jiġi mfisser bħala ħin universali (ĦUK),

— fejn hija msemmija l-qabda miżmuma abbord skond l-ispeċi, l-ispeċi demersali soġġetti għall-QTP u l-kwoti li għandhom jiġu rreġistarti fil-*logbook* skond l-Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93 għandhom jiġu kkomunikati b'mod individwali f'kilogrammi ta' piż ħaj; l-ispeċi l-oħra kollha miżmuma abbord għandhom jiġu kkomunikati b'mod globali f'kilogrammi ta' piż ħaj; il-kwantitajiet irrapportati għandhom ikunu l-kwantitajiet totali ta' kull speċi miżmuma abbord fil-ħin tal-komunikazzjoni tar-rapport tal-ħidma,

— l-ispeċi li għandhom jiġu kkomunikati huma identifikati mill-kodiċi FAO li huwa msemmi fil-*logbook*.

L-Artikolu 3

1. Ir-rapport tal-ħidma li għandu jintbagħat immedjatament qabel dħul f'żona jew ħruġ minn port, għandu jkun fih l-informazzjoni li ġejja:

— l-intestatura "RAPPORT TAL-ĦIDMA — DĦUL",

— l-isem, l-identifikazzjoni esterna u s-sejħa internazzjonali ta' sinjal fuq ir-radju tal-bastiment,

— l-isem tas-sid tal-bastiment,

[1] ĠU L 261, tat-12.10.1993, p.1.
[2] ĠU L 356, tal-31.12.1997, p. 14.
[3] ĠU L 71, tal-31.3.1995, p. 5.
[4] ĠU L 276, ta' l-10.10.1983, p.1.

— il-pożizzjoni ġejografika tal-bastiment li għalih tirreferi l-komunikazzjoni,

— iż-żona li jidħol fiha l-bastiment,

— id-data u l-ħin mistennija tad-dħul f'dik iż-żona,

— il-qabda miżmuma abbord skond l-ispeċi, fil-każ ta' dħul f'żona biss,

— fejn applikabbli, l-isem tal-port ta' ħruġ tal-bastiment.

2. Ir-rapport tal-ħidma li għandu jintbagħat immedjatament qabel ħruġ minn żona jew dħul f'port, għandu jkollu l-informazzjoni li ġejja:

— l-intestatura "RAPPORT TAL-ĦIDMA — ĦRUĠ",

— l-isem, l-identifikazzjoni esterna u s-sejħa internazzjonali ta' sinjal fuq ir-radju tal-bastiment,

— l-isem tas-sid tal-bastiment,

— il-pożizzjoni ġejografika tal-bastiment li għalih tirreferi l-komunikazzjoni,

— iż-żona li joħroġ minnha l-bastiment,

— id-data u l-ħin mistennija tal-ħruġ minn dik iż-żona,

— il-qabda miżmuma abbord skond l-ispeċi, fil-każ ta' ħruġ miż-żona biss,

— fejn applikabbli, l-isem tal-port ta' dħul tal-bastiment.

3. Fil-każ ta' dħul f'port, l-informazzjoni meħtieġa fil-paragrafu 2 tista' tiġi miżjuda man-notifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93.

4. Minkejja l-paragrafi 1 u 2, ir-rapport tal-ħidma li għandu jintbagħat immedjatament qabel ħruġ minn żona u r-rapport tal-ħidma li għandu jintbagħat immedjatament qabel dħul f'żona ma' ġenbha, għandhom jiġu kkombinati f'rapport ta' ħidma wieħed, li għandu jżomm l-informazzjoni li ġejja:

— l-intestatura "RAPPORT TAL-ĦIDMA — DĦUL",

— l-isem, l-identifikazzjoni esterna u s-sejħa internazzjonali ta' sinjal fuq ir-radju tal-bastiment,

— l-isem tas-sid tal-bastiment,

— il-pożizzjoni ġeografika tal-bastiment li għalih tirreferi l-komunikazzjoni,

— l-żona ta' ħdejha li għandu jidħol fiha l-bastiment,

— id-data u l-ħin mistennija tad-dħul f'dak l-ispazju,

— il-qabda miżmuma abbord skond l-ispeċi.

L-Artikolu 4

1. Fejn bastiment li jkun qiegħed jagħmel sajd trans-żonali jaqsam il-linja li tifred ż-żoni iktar minn darba matul perjodu ta' 24 siegħa, sakemm jibqa' fi ħdan żona delimitata ta' ħames mili fuq kull naħa tal-linja bejn iż-żoni, ir-rapport tal-ħidma li għandu jintbagħat immedjatament qabel l-ewwel daħla f'żona u r-rapport tal-ħidma li għandu jintbagħat immedjatament qabel l-aħħar ħruġ minn żona, fi żmien dak il-perjodu ta' 24 siegħa, għandhom ikollhom l-informazzjoni li ġejja:

— l-intestatura "RAPPORT TAL-ĦIDMA — TRANS-ŻONALI",

— l-isem, l-identifikazzjoni esterna u s-sejħa internazzjonali ta' sinjal fuq ir-radju tal-bastiment,

— l-isem tas-sid tal-bastiment,

— il-pożizzjoni ġeografika tal-bastiment li għalih tirreferi l-komunikazzjoni,

— iż-żona li joħroġ minnha l-bastiment,

— id-data u l-ħin tal-ħruġ mistennija minn dik iż-żona,

— iż-żona(żoni) li jmiss(u) magħha li fiha(fihom) jidħol il-bastiment,

— il-qabda miżmuma abbord skond l-ispeċi.

2. Fejn sajdiet trans-żonali jiġu mwettqa fuq tul ta' iktar minn 24 siegħa, il-qabda miżmuma abbord għandha biss tiġi kkomunikata immedjatament qabel l-ewwel dħul fiż-żona u immedjatament qabel l-aħħar ħruġ miż-żona.

L-Artikolu 5

1. Fejn bastiment tas-sajd tal-Komunità jqatta' inqas minn 72 siegħa fuq il-bahar, iżda matul dak il-ħin jiġu mwettqa attivitajiet tas-sajd fl-ibħra taħt il-kmand jew il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru jew ta' Stati Membri għajr mill-Istat Membru tal-bandiera, ir-rapport tal-ħidma li għandu jintbagħat qabel it-tluq għandu jkollu l-informazzjoni li ġejja:

— l-intestatura "RAPPORT UNIKU TA' ĦIDMA",

— l-isem, l-identifikazzjoni esterna u s-sejħa internazzjonali ta' sinjal fuq ir-radju tal-bastiment,

— l-isem tas-sid tal-bastiment,

— il-pożizzjoni ġeografika tal-bastiment li għalih tirreferi l-komunikazzjoni,

— iż-żona li jidħol fiha l-bastiment,

— id-data u l-ħin tad-dħul mistennija f'dik iż-żona,

— fejn applikabbli, iż-żoni ta' li jmissu magħha li fihom jidħol il-bastiment,

— iż-żona li joħroġ minnha l-bastiment,

— id-data u l-ħin tal-ħruġ mistennija minn dik iż-żona,

— il-qabda miżmuma abbord skond l-ispeċi, fil-ħin tat-tluq.

2. Jekk iseħħu tibdiliet fl-informazzjoni mogħtija, dawn għandhom jiġu nnotifikati immedjatament lill-awtoritajiet kompetenti mis-sid tal-bastiment jew mir-rappreżentant tiegħu.

L-Artikolu 6

Is-sidien tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità jew ir-rappreżentanti tagħhom li jittrasmettu r-rapport tal-ħidma permezz ta' VMS, skond l-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1489/97 [1], għandhom jikkomunikaw immedjatament qabel dħul fi, u/jew ħruġ minn żona:

— in-numru tar-reġistru tal-flotta interna tal-bastiment,

— il-ħin u d-data li fihom jintbagħat ir-rapport tal-ħidma,

— l-isem tas-sid tal-bastiment,

— il-qabda miżmuma abbord skond l-ispeċi.

Il-format għall-komunikazzjoni permezz ta' VMS lill-Istat Membru tal-kosta huwa speċifikat fl-Anness.

L-Artikolu 7

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika b'mod effettiv mill-1 ta' Lulju 1998.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-7 ta' Lulju 1998.

Għall-Kummissjoni

Emma BONINO

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 202, tat-30.7.1997, p. 18.

L-ANNESS

Format għal skambju tad-*data* elettronika għat-trasmissjoni permezz ta' VMS

It-Tabella 1. Tifsira ta' l-elementi tad-data obbligatorja

Elementi tad-*data*	Kodiċi ta' l-oqsma	Wisa' massima	Obbligatorja/ mhux obbligatorja	Tifsira/Osservazzjonijiet
Bidu tar-reġistru	SR		O	
It-tip ta' messaġġ:	TM	3	O	Kodiċi; valur EFR
Nru Intern	IR	12	O	Dettalji tal-bastiment Numru intern tar-reġistrazzjoni tal-flotta
Hin	TI	4	O	Hin ta' meta għandu jintbagħat ir-reġistru (UTĊ) (ssmm)
Data	DA	8	O	Id-data ta' meta għandu jintbagħat ir-reġistru (ssss/xxgg)
Qabdiet fuq il-bastiment	CB	3 + 7	O	Qabdiet li jibqgħu fuq il-bastiment skond l-ispeċi (FAO 3-kodiċi ta' l-ispeċi alpha) bil-piż ħaj f'kilogrammi (f'numri); ħalli ħafna koppji ta' oqsma merfugħin għall-ispeċi u għall-piż, kull qasam għandu jkun separat bi spazju
Kaptan	MA	30	O	Isem tal-Kaptan tal-bastiment
Tmiem tar-reġistru	ER		O	

It-Tabella 2. Tifsira ta' l-elementi tad-data mhux obbligatorja

Elementi tad-*data*	Kodiċi ta' l-oqsma	Wisa' massima	Obbligatorja/ mhux obbligatorja	Tifsira/Osservazzjonijiet
Stat Membru tal-Kosta	AD	3	O	Lil min hija indirizzat/a: Kodiċi tal-pajjiż Alpha-3 ISO
Identifikazzjoni fuq barra	XR	14	O	Dettalji tal-bastiment
Isem	NA	40	O	Dettalji tal-bastiment
Bandiera	FS	3	O	Dettalji tal-bastiment Stat tal-bandiera; Kodiċi tal-pajjiż Alpha-3 ISO

Elementi tad-*data*	Kodiċi ta' l-oqsma	Wisa' massima	Obbligatorja/ mhux obbligatorja	Tifsira/Osservazzjonijiet
Radju Internazzjonali Sejħa Sinjal	RC	7	O	Dettalji tal-bastiment
Attività	AC	6	O	Kodiċi. L-attività li saret
Informazzjoni oħra	OI	50	O	Informazzjoni oħra mħux koperta fuq

Sett tal-Karattri: ISO 8859.1

It-trasmissjoni tad-*data* hija strutturata bil-mod li ġej:

— *slash* doppju ("//") u kodiċi tal-qasam jindikaw il-bidu ta' element tad-*data*,

— *slash* ("/") jifred il-kodiċi tas-settur u d-*data*.

Elementi tad-*data* mhux obbligatorji għandhom jiġu mdaħħla bejn il-"Bidu tar-rekord" u t-"Tmiem tar-rekord".